MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1146/2002

**Direttur Generali tax-Xogholijiet.**

**-vs-**

**Diana Abela.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet pprezentat fil-15 t' Ottubru, 2002, li permezz tieghu ppremetta;

1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni Nru: 868/95 AM) gie deciza permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Frar, 1997, b' liema sentenza

l-esponenti gie kanonizzat kreditur ta' l-intimata fis-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm968.51), oltre ghall-ispejjez tal-kawza;

2. Illi l-intimata ghad baqghalha thallas is-somma ta' elf, hames mija u erba' u erbghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1,544.43), rapprezentanti kwantu ghas-sorte disa' mija u tmienja u sittin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm968.51), kwantu ghall-ispejjez kanonizzati ammontanti ghall-mija ussitta u tletin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm136.87) u kwantu ghall-erba' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u hames centezmi (Lm435.05) rapprezentanti imghaxijiet kalkulati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sallum;

3. Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, l-intimata baqghet inadempjenti u sallum l-imsemmi kreditu kanonizzat ghadu ma thallasx;

4. Illi mid-data ta' l-imsemmija sentenza sallum ghaddew hames (5) snin ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tawtorizzah jezegwizzi l-imsemmija sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Frar, 1997, ghall-kreditu li huwa dovut u dan ai termini ta' l-istess Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-intimata debitament notifikata ma' pprezentatx risposta.

Semghet ix-xhud waqt is-seduta tat-8 t' Ottubru, 2003.

Semghet lill-Avukat ta' l-attur.

Billi t-talba tar-rikorrent tirrizulta li lanqas hija kontestata;

**Tilqa' t-talba** tar-rikorrenti, **bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------